MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 6/2001/1

**Ian Zammit**

**vs**

**Awtorita` tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appellipprezentat mill-Awtorita` tal-Ippjanar fid-29 ta' Marzu 2001 fejn gie premess:

Illi b'decizjoni tat-23 ta' Marzu 2001, il-Bord ta' l-appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet premessi iddecieda li jilqa' t-tielet eccezzjoni maghmula minn Ian Zammit fl-appell tieghu mill-aviz ta' twettieq bin-numru ECF 586/99 fejn allura l-istess Ian Zammit kien issottometta li l-*Enforcement Officer* Charles de Battista ma huwiex awtorizzat li johrog tali avviz. Illi fid-decizjoni tieghu il-Bord irritjena li l-poteri tal-Awtorita` ta' Kontroll ta' l-Izvilupp qatt ma gew delegati lid-Direttur tal-Ippjanar jew lill-

*Enforcements Officers* u laqa' l-eccezzjonijiet ta' Ian Zammit

Illi l-esponenti l-Awtorita` tal-Ippjanar thossha aggravata b'din d-decizjoni u ghalhekk qieghdha tinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell kompetenti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi l-ewwel aggravju hu li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ta interpretazzjoni zbaljata fil-ligi dwar il-poteri li jgawdi d-Direttur tal-Ippjanar. Illi fl-ewwel lok issir referenza ghall-**artikolu 57 tal-Kapitolu 356** tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jghid li *"F'kull procediment jew prosekuzzjoni taht dan l-Att, kopja ta' kull ordni, avviz, decizjoni jew dokument iehor li juri li sar taht dan l-att u li gie ffirmat mic-Chairman ta' l-Awtorita; jew mid-Direttur ta' l-Ippjanar, ghandu jigi accettat bhala prova ta' l-ordni, avviz, … … ... u tal-fatti li jidhru fih, minghajr prova ohra."* Hu sottomess li a bazi ta' dan l-artikolu hu evidenti u car li ghal skop ta' hrug ta' avviz ta' twettieq huwa bizzejjed li tali avviz ikun gie ffirmat mid-Direttur. F'dan ir-rigward issir refrenza wkoll ghall-pargarafu 7 ta' L-ewwel Skeda tal-Kapitolu 356. Hu sottomess li dawn il-paragrafi jridu imbaghad jinqraw flimkien mal-**artikolu 2 tal-istess Kapitolu 356** li allura jinkludi fit-tifsir tal-kelma "Direttur ta' l-Ippjanar" lil kull persuna li tagixxi f'ismu jew taht l-Awtorita` tal-istess Direttur.

2. Illi huwa umilment sottomess li mill-ligi stess kif gja' citata u mid-dokumentazzjoni esebita u li tista' tigi esebita quddiem din l-Onorabbli Qorti ser jirrizulta sufficjentement li l-istess Direttur ta' l-Ippjanar ghandu l-funzjonijiet li fosthom hemm dawk ta' twettieq ta' kontroll taht il-Hames Taqsima ta' l-istess Kapitolu 356.

3. Illi ssir referenza ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "**Saviour Ellul vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** deciza fl-10 ta' Novembru 1999 fejn din l-Onorabbli Qorti kienet laqghet appell maghmul mill-

Awtorita` tal-Ippjanar proprju dwar decizjoni identitka ghal dik fl-appell odjern fejn ukoll Saviour Ellul et. kienu ssollevaw il-punt li d-Direttur tal-Ippjanar ma kellux id-delega li johrog avviz ta' twettieq.

4. Illi t-tielet aggravju hu li Bord ta' l-Appell mar *extra petita* u dan ghaliex fl-eccezzjoni li ssolleva l-appellant Ian Zammit meta ntavola l-appell tieghu quddiem l-istess Bord ta' l-Appell li eccepixxa kien biss dwar il-poter tal-*Enforcement Officer* Charles de Battista li johrog l-avviz ta' twettieq. Di fatti fl-ittra tal-appell tas-26 ta' Lulju 1999 quddiem il-Bord ta' l-Appell fil-paragrafu A iii (ara Dok. TF2), l-appellant Ian Zammit li ssolleva kien biss li l-firmatarju tal-avviz ta' twettieq l-*Enforcement Officer* Charles De Battista ma kellux is-setgha necessarja li johrog l-imsemmi avviz. Ian Zammit imkien fir-rikors ta' l-appell promotur tieghu ma qajjem il-punt deciz mill-Bord ta' Appell Dwar l-Ippjanar li d-Direttur ta' l-Ippjanar ma ghandux delega li johrog avviz ta' twettieq. Hu ghalhekk sottomess li l-Bord ta' l-Appell iddecieda punt ta' dritt li lanqas biss kien sollevat minn Ian Zammit. L-argument ta' Ian Zammit kien marbut fuq l-argument tieghu li l-*Enforcement Officer* ma kellux is-setgha li jezercita l-poteri moghtija lill-Awtorita` skond l-artikoli 51 u 52 ta' l-Kapitolu 356. Imkien fir-rikors a bazi ta' raguni ta' l-appell tieghu quddiem il-Bord ma imsemmi l-argument li d-Direttur ukoll ma ghandux tali setgha.

5. Illi ghal kull bwon fini f'dan ir-rigward qed tigi pprezentata bhala Dok. TD3 kopja tal-awtorizazzjoni mahrug favur l-imsemmi Charles de Battista biex l-istess de Battista jkun jista' johrog avviz ta' twettieq, u dan wkoll a bazi tal-**artikolu 2 tal-Kapitolu 356** tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi li l-kliem "id-Direttur ta' l-Ippjanar" u "id-Direttur" tinkludi "kull persuna li tagixxi f'ismu jew taht l-Awtorita` tieghu".

Rat illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghar-ragunijiet suesposti tablet lil din l-Qorti sabiex tirrevoka d-decizjoni ta' l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-23 ta' Marzu 2001 u tikkonferma l-avviz tat-twettieq l-ecf. 658/99 datat 9 ta' Lulju 1999 jew fin-nuqqas tordna li l-process relattiv

jinbaghat lura lill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex l-istess jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Rat ir-risposta li l-appellat Ian Zammit ipprezentata fl-10 ta’ Settembru 2001 fejn qal is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-appell interpost mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar huwa null u bla effett billi ma hemm l-ebda punt ta’ ligi deciz mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mill-liema l-prezenti appell qieghed jigi interpost. Infatti ezami ta’ l-istess decizjoni turi li l-konkluzjoni ta’ l-Bord kienet li l-appellanti, l-Awtorita`, naqsu li jipprovaw li kienet saret id-delega pretiza, kwistjoni purament u prettament ta’ fatt f’liema ma tqum l-ebda punt ta’ ligi sabiex jigi deciz.

2. Illi fit-tieni lok l-appellant irid juri d-decizjoni li hadet l-Awtorita` sabiex tappella mid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

3. Illi fit-tielet lok l-aggarvju ta’ l-Awtorita` fl-ebda mod ma jattakka l-punt deciz mill-ewwel Onorabbli Bord. Dan iddecieda li ma kienx hemm prova li saret delega fil-forma rikjesta mill-ligi. In-nuqqas ta’ tali delega ma tistax tigi sostitwita bil-fatt tal-firma ta’ l-ordni mill-*Enforcement Officer* kif jimplika l-argument ta’ l-Awtorita`.

4. Illi fir-raba’ lok il-kwistjoni ta’ *extra petita* bl-ebda mod ma tqum ghaliex l-esponenti kien kjarament attakka n-nullita’ ta’ l-avviz ta’ twettieq in kwistjoni bl-appell tieghu. Ghalhekk huwa kontrosens li jinghad li l-Bord kien qieghed jiddeciedi punt li ma sollevax l-esponenti meta l-punt precizament sollevat mill-esponenti kien in-nullita’ tal-avviz, u dak kien precizament dak deciz mill-Bord. Inoltre decizjoni “*extra petita*”, jekk wiehed kellu jikkoncedi ghall-grazzja tal-argument li dan huwa l-kaz, ma tistax taghti lok ghal appell fuq punt ta’ ligi deciz hazin mill-Bord. Apparti l-fatt li l-ebda mod ma jista’ wiehed jirraviza decizjoni “*extra petita*” f’dak li, appell jinghata biss fuq punt ta’ ligi deciz hazin mill-Bord, u mhux fuq il-fatt li l-Bord ikun iddecieda punt mhux imqajjem mill-esponent. L-esponent jaghmel referenza hawn ghall-insistenza tal-Awtorita` fid-diversi appelli li jsiru mill-applikanti li ma jinghatax appell lill-Qorti

ta’ l-Appell fuq il-bazi tal-**artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili**, haga li issa tidher li l-Awtorita` stess qieghda tipprova taghmel.

5. Illi fil-hames lok l-ittra ffirmata mid-Direttur prodotta issa mill-Awtorita` mhux biss ma taghmilx il-prova rikjesta mill-ligi u bl-ebda mod ma ddghajjef il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Bord, imma ma hijiex producibbli f’dan l-istadju u ghandha tigi sfilzata.

6. Illi fl-ahharnett ma huwiex korrett jinghad li meta tabbina l-**artikolu 57 ma’ l-artikolu 2 tal-Att Dwar l-Ippjanar**, dawn jxejnu jew ibiddlu l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-**artikolu 5(4)** tal-istess Att. Fuq dan il-punt id-decizjoni tal-Bord mhux biss kienet korretta fil-ligi, imma wkoll gusta u ekwa.

L-appellat ghalaq billi talab li l-ispejejz taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-Awtorita` appellanti.

Rat id-dokumenti ezebit mill-kontendenti u n-noti tal-osservazzjonijiet taghhom.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-ewwel punt li din l-Qorti ghandha tiddermina huwa jekk dan l-appell huwiex ammissibbli *o meno* peress li skond is-**sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 15 ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp**:

“*Id-decizjonijiet tal-Bord (ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar) ikunu finali hlief dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell”.*

Illi din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet **“Jack Galea vs Awtorita` ta' l-Ippjanar”** (Appell Numru 213/99) deciza fid-19 ta’ Novembru, 2001 qalet illi:-

*“Din id-dispozizzjoni tal-ligi tistabbilixxi l-gurisdizzjoni limitatissima moghtija lil din il-Qorti biex tirrevedi decizjonijiet tal-Bord. … ghall-kompletezza, din il-Qorti sejra tillimita ruhha biex tirriproduci silta mis-sentenza taghha moghtija fil-kawza taghha* ***"Emanuel Mifsud vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"*** *fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie espressament ritenut li din il-Qorti:-*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' appell anqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*“irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-****subartikolu (2) ta’ l-artikolu 15 ta’ l-imsemmi Att 1 ta' l-1992****, hija wahda limitata hafna. Dan billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni”.*

Illi *inoltre* fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** *supra* citata, inghad:-

*“Illi dan billi il-Bord, fid-decizjoni appellata, llimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni”.*

Illi din il-Qorti sostniet fis-sentenza **"Alexander Busuttil vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C.I. (RCP) - 11 ta' Novembru, 2002 - App 14/01/RCP) *"li decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar jistghu jigu mpunjati quddiem il-Qrati Ordinarji, fil-kazijiet kongruwi, per ezempju, fl-ipotezi li l-Bord wettaq xi ingustizzja manifesta billi jkun naqas li josserva xi principju tal-gustizzja naturali. Kwistjonijiet bhala dawn, pero', ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti skond l-imsemmija dispozizzjoni."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell Nru. 54A/97) deciza fis-6 ta' Mejju 1998 intqal illi:-

*"… anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dan billi l-ligi taghti d-dritt ta' l-appell <u>biss u b'mod tassattiv, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord</u>."*

Illi konsegwentement mal-premess din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) sostniet li hija *"qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, f'<u>appelli bhal dawn</u> cjoe' taht l-Att Numru I tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi w tirrimedja <u>ghal kwalunkwe</u> mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni <u>biss</u> fil-kazijiet <u>li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord</u>. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi rilevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrilevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt <u>deciz</u> mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok t' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord,*

*liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn din il-Qorti f'appelli bhal dawn".*

*Illi dan necessarjament jimplika li l-uzu w it-twettieq ta' din id-diskrezzjoni da parti tal-Bord hija ferm aktar oneruza milli kieku l-ligi pprovdiet ghall-possibilita` ta' sindakabilita` fuq din il-materja. U billi huwa principju fondamentali tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, li din mhux biss trid issir, izda trid* <u>*tidher manifestament*</u> *li qeghda ssir, isegwi li l-Bord ghandu jkun ferm geluz li jikkonsidra sewwa s-sottomissjonijiet kollha li jsirulu mill-partijiet u li jimmotiva sewwa d-decizjonijiet li jaghti anke fuq l-aspetti fattwali tal-kaz".*

Illi kif intqal minn din l-istess Qorti:-

*"Jixraq li fl-ewwel lok tigi trattata u deciza l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u cjoe' li l-appell odjern kien wiehed null peress li wiehed jista' jappella minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar* <u>*biss*</u> *fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. L-Awtorita` ghamlet referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet* ***"Emmanuel Mifsud versus L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"*** *fejn gie espressament ritenut li l-Qorti ta' l-Appell:-*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' Appell lanqas fuq punti ta' ligi sa kemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata".*

*"Din il-Qorti kellha okkazzjoni li tidhol u tinvestiga din l-eccezzjoni f'numru kbir hafna ta' kawzi ricentement u ghalhekk, filwaqt li ssir espressa referenza ghal din il-gurisprudenza ricenti ta' din il-Qorti, ma jidhirliex li ghandha tahli aktar hin biex tenfasizza il-gurisdizzjoni limitata li din il-Qorti ghandha f'appelli statutorji bhal dawn minn decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar".*

Illi dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta nkluzi **"Manwel Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002); **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002 - Appell Numru 8/2001); u **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) – Appell Numru 9/2001 fost l-ohrajn.

Illi dan ma jfissirx li l-appellant m'ghandux rimedji ohra, anke quddiem dawn il-Qrati, sabiex iressaq 'il quddiem l-ilment tieghu fuq l-allegazzjonijiet minnu vantati, izda dan mhux necessarjament quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' l-Appell minn punti ta' dritt decizi mill-Bord ta' l-Appell, ghaliex l-ezami li trid u ghandha taghmel din il-Qorti huwa biss fl-ambitu ta' dak provdut fl-**artikolu 15 (2) ta' l-att I ta' l-1992**, u kull konsiderazzjoni ohra hija *"ultra vires"* ghal din l-istess Qorti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' April 1996 intqal illi:-

*"Jista' biss isir appell mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar quddiem din il-Qorti fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. Mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew trattati u decizi mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligi u decizjoni dwarha trid tirrizulta fis-sentenza appellata. Hu superfluwu li jigi notat illi l-appell hu minn decizjoni ta' Bord ta' Appell - Tribunal b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi".*

*"F'sistema gudizzjarja fejn mhux permess rikors ghat-tielet Qorti ta' appell, u ghalhekk li hu biss konsentit bil-ligi appell lil din il-Qorti f'kazijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Bord espressa fid-decizjoni minnu emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' revizjoni fuq il-fatti in kawza, din il-Qorti ghandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jigu osservati r-*

*regoli tal-gustizzja naturali u l-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-principji fiha enuncjati.”*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **“Francis Mugliett vs L-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Mejju 1996, gie riaffermat il-principju li:-

*“Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss w unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta’ dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta’ fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta’ ligi sakemm il-kwistjoni ta’ dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta’ dritt li fuqha persuna aggravata tista` tappella, trid tkun diga` qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu.”*

Illi sentenza ohra li sewgiet dan l-principju kienet **“Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Mejju 1996 fejn gie kkonfermat b’termini precizi li:-

*“L-artikolu 15 (2) ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, jipprovdi li:-*

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell”.*

*“Illi johrog car minn ezami akkurat ta’ din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista’ tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta’ dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m’hemmx appell fuq kwistjonijiet ta’ fatt, fuq kwistjonijiet t’ apprezzament ta’ provi. M’hemmx dritt ta’ appell lanqas fuq punti ta’ ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta’ xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta’ xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok*

*ghal appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa w elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata"*.

Illi ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif appena inghad hawn fuq, ma hemm l-ebda dubju li kif inghad fis-sentenza **"Jack Galea vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"** [Appell Numru 213/99] deciza fid-19 ta' Novembru 2001) il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata ghal revizjoni tad-decizjonijiet tal-Bord in kwantu biss fihom ikun hemm xi punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-istess Bord.

Illi applikati il-principji fuq esposti ghall-kaz in ezami jirrizulta li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar tat-23 ta' Marzu 2001 kienet moghtija abbazi ta' l-aggravju mqajjem mill-appellat odjern fejn huwa sostna illi *"l-firmatarju Charles De Battista m'ghandux is-setgha necessarja sabiex jesercita` l-poteri moghtija lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar skond l-artikolu 51 u 52 ta' l-Att 1 tan-1992. Ma jirrizultax illi l-Awtorita` qatt taghtu delega kif mehtieg skond l-Artikolu 5 (4) tal-istess Ligi."*

Illi dwar dan il-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu citata sostna li:

*"Id-Direttur ta' l-Ippjanar, bis-sahha ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1992 u ghall-ghan ta' l-artikolu 57 ta' l-imsemmi att, qed jawtorizza lill-ufficjal hawn fuq imsemmi, taht il-kundizzjonijiet li huma specifikati hawn taht kif gej, biex jagixxi f'ismu:*

*1. Biex johrog u jiffirma avvizi biex ix-xoghol jew zvilupp jieqaf immedjatament jew biex johrog avvizi ohra ta' twettieq taht l-artikolu 50, 52, 53 u 54;*

*2. Biex jidhol fuq l-art u jiehu dawk il-passi jew azzjonijiet ohra necessarji ghat-terminu ta' l-artikolu 55 ta' l-att.";*
*Ra d-decizjoni preliminari moghtija minn dan il-Bord fl-ismijiet "Joseph Debono kontra l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"*

*deciza fit-2 ta' Marzu 2001 (appell numru 96/00 KA) li fiha jinghad dan li gej:*
*"Dwar it-tielet eccezzjoni, l-appellant jissottometti li l-Enforcement Officer m'huwiex awtorizzat johrog tali avviz biex tieqaf u ta' twettieq ghan-nom ta' l-Awtorita`. Mill-banda l-ohra, l-Awtorita` sostniet li huwa ghandu tali poter izda ma ndikatx minn fejn dan il-poter johrog jew hareg. Wisq anqas ma gie esebit xi dokument li jaghti l-poteri ta' twettieq lill-Enfocement Officers. Dwar dan il-punt il-Bord jaghmel referenza ghall-artikolu 5(4) ta' l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp li jirregola d-delega tal-poteri ta' l-Awtorita`. Skond it-Taqsima V, artikoli 51 sa 55 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, Kapitlu 356 tal-Ligijiet ta' Malta, ir--responsabbilita` ta' twettieq tal-kontroll ta' l-izvilupp hija vestita unikament flAwtorita` ta' l-Ippjanar u dan salv dak li huwa provdut fl-artikolu 5(4) fuq imsemmi. Dan l-artikolu llum il-gurnata jipprovdi kif gej:*
*"Sakemm izzomm kontroll u supervizzjoni generali, xort'ohra thares id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorita` tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiddelega wahda jew izjed mill-funzjonijiet jew poteri taghha skond dan l-Att taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa. Avviz ta' kull delega bhal din ghandu jigi ppublikat fil-Gazzetta."*

*Minn meta twaqqfet l-Awtorita` tal-Ippjanar sal-lum b'kollox saru dawn l-istrumenti ta' Delega:*

*a. Instrument of Delegation fl-1993 (illum ormai abrogat);*
*b. Instrument of Delegation fl-1997 (ara Gazzetta tal-Gvern, Govt. Notice 529 tal-1997 tat-12 ta' Lulju 1997) u emendat bi G.N. 289 tal-1998 tas-7 ta' April 1998 u G.N. 217 tal-2001 tad-9 ta' Marzu 2001;*

*c. Instrument of Delegation iehor tal-1997 ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Awissu 1997 G.N. 597 tal-1997 (li hassar dak tal-1993) kif emendat bi G.N. 289 tal-1998 G.N. 535 tal-2000;*

*d. Instrument of Delegation tas-27 ta' Ottubru 2000 (G.N. 855 tal-2000);*

*Minn ezami tal-Instruments of Delegation kemm dawk fis-sehh u kemm dak abrogat, ma jirrizultax li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qatt ippublikat Notifikazzjoni tal-Gvern li a bazi taghha l-poteri ta' l-Awtorita` ta' kontroll tat-twettieq gew delegati skond il-ligi lid-Direttur ta' l-Ippjanar jew lill-Enforcement Officers. Wisq anqas ma giet prodotta xi prova f'dan is-sens mill-Awtorita`, prova li kienet tkun ammissibbli anke fi stadju ta' appell quddiem dan il-Bord u ma titqies bhala prova gdida u ghalhekk mhux permessibbli l-produzzjoni taghha;*

*Il-Bord jaghmel ukoll referenza ghad-decizjoni tieghu (mhux appellata mill-Awtorita`) fl-ismijiet "Robert Aquilina kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" (appell numru 34/98KA) deciza fl-1 ta' Dicembru 2000 fejn il-Bord kien ikkonkluda li l-Kummissjoni qatt ma setghet tirrevoka permess la darba l-Awtorita` qatt ma kienet iddelegatilha tali poter."*

*Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-appellant u jilqa' t-tielet wahda u jannulla l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq peress li huwa ultra vires il-poteri moghtija lill-Enforement Officer inkwantu l-Awtorita` qatt ma ddelegat permezz ta' strument ta' delegazzjoni l-poteri moghtija lilu mill-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp skond l-artikolu 5(4), il-poteri taghha ta' enforcement sew lill-Enforcement Officers u sew lid-Direttur ta' l-Ippjanar."*

Illi minn dan kollu jidher u hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li d-decizjoni hawn appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex waslet ghall-konkuzjonijiet li ghalihom waslet fir-rigward tat-tielet eccezzjoni ta' l-Appellant quddiemha kellha necessarjament, u fil-fatt hekk ghamlet, taghti interpretazzjoni ta' diversi artikoli tal-Kap 356 u senjatament ta' l-**Artikolu 5 (4)** ta' l-istess att, li abbazi tieghu ikkonkludiet li l-Avviz ta' Twettieq li hareg bis-sahha ta' l-**artikolu 51 u 52 ta' l-Att Numru 1 tan-1992** tad-9 ta' Lulju 1999 kien null u bla effett stante li kien iffirmat minn *Enforcement Officer* li ma kienx delegat kif rikjest skond l-**artikolu 5 (4) tal-Kap 356** fuq citat.

Illi fil-fatt l-aggravju ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar f’dan l-Appell isostni li l-ligi giet applikata hazin f’dan il-kaz peress illi fl-ewwel lok l-istess bord iddecieda *extra petite* peress li l-appell kien biss ibbazat fuq l-allegazzjoni unika li Charles De Battista bhala *Enforecement Officer* ma kellux is-setgha necessarja li johrog tali avviz, u mhux il-punt deciz mill-Bord li d-Direttur ta’ l-Ippjanar ma kellux tali delega; fit-tieni lok li in verita` d-Direttur ta’ l-Ippjanar ghandu tali poteri u dan anke skond id-decizjoni ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Saviour Ellul et vs Awtorita tal-Ippjanar**” (A.C. 10 ta’ Novembru 1999); u fit-tielet lok peress li qed jigi sostnut li abbazi ta’ l-**artikolu 57 tal-Kap 356** f’paragrafu 7 ta’ l-ewwel skeda ta’ l-istess kap, la darba id-dokument dwar l-Avviz ta’ Twettieq gie prezentat quddiem l-istess Bord u ffirmat mill-*Enforcement Officer* ghan-nom tad-Direttur ta’ l-Ippjanar kif jista’ jsir allegatament skond l-**artikolu 2 tal-Kap 356**, mela allura tali dokument huwa prova bizzejjed u sufficjenti dwar il-validita` u wkoll l-ezistenza tieghu.

Illi abbazi ta’ dan kollu din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-punti decizi mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, fejn hija waslet ghall-konkluzjoni li tali Avviz ta’ Twettieq kien null u bla effett peress li l-*Enforcement Officer* ma kellux l-awtorita` li jiffirma tali dokument, jikkostitwixxi punt ta’ dritt deciz mill-Bord li din il-Qorti hija kompetenti biex tezamina taht id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 15** tal-imsemmi att, u dan peress li kif jidher mill-isess decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, tali decizjoni kellha necessarjament tasal kif waslet ghall-interpretazzjoni tal-ligi li tirregola l-hrug ta’ l-imsemmija avvizi abbazi ta’ l-artikoli 51 u 52, tant li fl-istess decizjoni hemm riferenza diretta ghall-istess disposizzjonijiet tal-ligi w in partikolari l-**artikolu 5 (4) tal-Kap 356**, u ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel eccezzjoni ta’ l-appellat odjern qed tigi michuda.

Illi dwar il-mertu ta’ l-Appell, dan huwa principarjament mibni fuq l-aggravju illi d-Direttur ta’ l-Ippjanar ghandu l-poter li jiddelega ufficjali ta’ l-istess Awtorita` sabiex jiffirmaw tali avviz ta’ twettieq u dan anke abbazi tas-sentenza fuq citata u kwotata mill-Appellanti.

Illi fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom fil-fatt l-istess appellanti jirreferu ghall-imsemmi **artikolu 5 (4) tal-Att 1 tan-1992** u wkoll ghar-risoluzzjonijiet ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar datati 4 t’April 1996 u 14 t’April 1996 fejn intqal *inter alia* illi:

*"The Planning Authority at its meeting held on 4 April 1996 at its offices in St. Francis Ravelin, Floriana, confirms, for avoidance of any doubt, that the Director of Planning as from his appointment as the Chief Executive of the Planning Authority, was empowered and entrusted with all the powers vested in the Planning Authority under sections 41 and 42 under sub-heading 3 of Part IV of Act I of 1992, sections 45 and 50 under sub-heading 4 of Part IV of Act I of 1992, Parts V and VI of Act I of 1992 and Board Secretary 61(3) under Part VII of Act I of 1992 and confirms that the Director of Planning is still empowered and entrusted with such powers, and this in virtue of his appointment.*
*All powers carried out by the Director of Planning or by any officer delegated by the Director of Planning since his appointment by the Planning Authority itself were carried out with the full knowledge, consent and authorisation of the Planning Authority”.*

Illi *di piu`* l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar irreferiet ghad-delega li saret mid-Direttur ta’ l-Ippjanar lil Carmel sive Charles De Battista datata 28 ta’ Lulju 1994 fejn inghad illi:

*"Id-Direttur ta' l-Ippjanar, bis-sahha ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1992 u ghall-ghan ta' l-artikolu 57 ta' l-imsemmi att, qed jawtorizza lill-ufficjal hawn fuq imsemmi, taht il-kundizzjonijiet li huma specifikati hawn taht kif gej, biex jagixxi f’ismu:*

*1. Biex johrog u jiffirma avvizi biex ix-xoghol jew zvilupp jieqaf immedjatament jew biex johrog avvizi ohra ta' twettieq taht l-artikolu 50, 52, 53 u 54;*

*2. Biex jidhol fuq l-art u jiehu dawk il-passi jew azzjonijiet ohra necessarji ghat-terminu ta' l-artikolu 55 ta' l-att.";*

*Illi bazikament dan ifisser li filwaqt li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sostna li tali Avviz ta' Twettieq huwa null stante li ma saritx id-delega necessarja skond il-ligi abbazi ta' l-**artikolu 5 (4) tal-Kap 356** u dan peress illi tali delega qatt ma giet notifikata bil-Gazzetta tal-Gvern kif skond hi huwa rikjest; l-appellanti odjerni min-naha taghhom qed isostnu li apparti li dan sar tali pubblikazzjoni tad-delega ma hijiex necessarja abbazi tal-imsemmi artikolu u dan anke fl-isfond ta' dak li gie deciz fil-kawza fuq citata **"Saviour Ellul et vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar".***

Illi l-Qorti dwar dan il-punt taghmel is-segwenti osservazzjonijiet li huma necessarji ghad-decizjoni tal-kaz *de quo*:

- Fl-ewwel lok *ai termini* tal-**artikolu 2 tal-Kap 356** l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija ndikata bhala dik imwaqqfa skond l-artikolu 3 tal-istess ligi u "*tinkludi kull korp jew persuna ohra li tagixxi f'isimha bis-sahha ta' setghat delegati mill-Awtorita` taht dan l-att*".

- Illi *ai termini* tal-**artikolu 4** tal-istess Kap l-Awtorita` ghandha personalita` legali distinta u kapaci sabiex legalment tidhol f'kull kuntratt u taghmel l-affarijiet kollha hemm indikati li r-rappresentanza taghha hija vestita fic-*Chairman* ta' l-istess Awtorita` u ghandha l-poter li tinnomina wiehed jew aktar mill-membri ufficjali jew impjegati taghha sabiex jidhru f'isimha u flokha f'xi procedimenti fejn l-Awtorita` tkun parti fihom jew xi att, kitba, kuntratt, jew dokument iehor ikun liema jkun.

- Illi fl-**artikolu 5** hemm indikat il-funzjonijiet kollha ta' l-istess Awtorita` u fl-**artikolu 5 (4)** hemm indikat li apparti dak provdut fl-**artikolu 36 (a)** u sakemm hija zzomm kontroll u supervizjoni generali u xorta ohra ta' dak provdut fl-istess ligi hija tista' bl-approvazzjoni tal-Ministru tiddelega xi wahda jew izjed mill-funzjonijiet taghha skond dan l-att taht dawk il-kunduzzjonijiet li jidhrilha xierqa. Hemm indikat ukoll fl-istess sub-artikolu li hi tista' tiddelega lill-Kummissarju tal-Pulizija jew xi Kunsill Lokali sabiex f'lokha jew maghha jezercitaw il-funzjonijet indikati

f’taqsima 5 ta’ l-istess att b’dan li tali delega bhal din ghandha tigi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

- Illi l-**artikolu 2** jiddefinixxi Direttur ta’ l-Ippjanar u Direttur bhala li jfissru d-Direttur ta’ l-Ippjanar nominat taht l-**artikolu 6** u jinkludu kull persuna li tagixxi f’ismu jew taht l-awtorita` tieghu.

- Illi fl-**artikolu 6** id-Direttur ta’ l-Ippjanar skond is-**sub-artikolu 2** ghandu l-poter li jmexxi d-Direttorat ta’ l-Ippjanar u li l-Awtorita` tista’ tiddelega lid-Direttur jew lill-ufficcjal jew impjegat iehor tal-Awtorita` li hija jidhrilha xierqa l-funzjonijiet ta’ appogg professjonali tekniku amministrattiv; li jimplimenta d-decizjonijiet ta’ l-Awtorita` u wkoll li jwettaq dawk il-funzjonijiet ta’ kuljum ta’ l-Awtorita`.

Illi minn dan kollu jirrizulta illi l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar bhala enti legali u distinta personalita` guridika ndipendenti tagixxi tramite l-funzjonarji taghha nkluz tarmite d-Direttur ta’ l-Ippjanar.

Illi d-Direttur ta’ l-Ippjanar jidher li kien vestit mill-Awtorita` li *inter alia* jagixxi wkoll *ai termini* tat-**taqsima 5 tal-Kap 356** inkluz bir-risoluzzjonijiet fuq citati w indikati mill-appellanti odjerni li bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-appellat odjern.

Illi abbazi ta’ l-artikoli fuq citati jidher car li d-Direttur ta’ l-Ippjanar ma kellux bzonn li fid-delega tieghu lill-*Enforcement Officer* sabiex jinhargu l-Avvizi ta’ Twettieq indikati bil-ligi li tali delega tigi ppublikata skond kif indikat fl-**artikolu 5 (4) tal-Kap 356**, u dan peress li tali artikolu huwa manifestament intiz sabiex l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tkun tista’ tiddelga xi wahda mill-funzjonijiet taghha (eskluzi dawk indikati fl-**artikolu 36 (a)**) lil xi Awtorita` ohra distinta u differenti minnha, tant li l-ezempji hemm migjuba huma dawk ta' entitajiet li mhumiex parti u lanqas funzjonarji ta’ l-istess Awtorita` bhal Kummissarju tal-Pulizija u l-Kunsilli Lokali.

Illi abbazi ta’ dan allura jidher li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar meta rikkjediet li tali delega mertu

tal-kawza odjerna kellu jigi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, kienet manifestament zbaljata u nkorretta fil-ligi, u dan peress li l-**artilkolu 5 (4)** ma japplikax in verita` ghall-kaz in ezami.  Ghall-kaz in ezami invece japplikaw id-disposizjonijiet ta' l-**artikolu 2** fuq citati fejn fid-definizzjoni rispettiva ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u d-Direttur ta' l-Ippjanar, it-tnejn jinkludu persuni li jagixxu f'isimhom u ghan-nom ta' l-istess Awtorita` (salv dwar l-Awtorita` id-delegi ndikati fl-**artikolu 5 (4)** li l-korpi w entitajiet li ma jifformawx parti mill-istess).

Illi jinghad ukoll li abbazi ta' l-**artikolu 4 tal-Kap 356** l-Awtorita` tista' tinnomina impjegati ufficjali minn taghha sabiex jirrapprezentawha *inter alia* fuq id-dokumenti relattivi taghha, u dwar id-Direttur ta' l-Ippjanar jirrizulta li l-Awtorita` tista' tiddelegah kif fil-fatt iddelegatu u dan dejjem fil-*veste* ta' rapprezentat taghha sabiex jaqdi l-funzjonijiet hemm specifikati fl-**artikolu 6 (2).**

Illi fl-ahharnett huwa ovvju li d-Direttur ta' l-Ippjanar *ai termini* tal-**artikolu 2** ghandu l-poter u huwa awtorizzat sabiex jappunta persuni sbiex jagixxu ghan-nom tieghu jew taht l-Awtorita` tieghu skond il-poteri tieghu tal-**artikolu 6**, u in vista ta' dan kollu jidher ghalhekk li d-delega li huwa ghamel lil Charles De Battista fit-28 ta' Lulju 1994 saret validatament u skond il-poteri tieghu *ai termini* tal-istess att bla ma kienet mehtiega ebda publikazzjoni kif indikat fl-**artikolu 5 (4)** u dan peress li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern peress li dan mhux kaz fejn l-Awtorita` qed tinnomina terza persuna sabiex taqdi l-funzjonijiet taghha flokha jew maghha.

Illi dan qed jinghad anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jirrizulta li kieku l-istess **artikolu 5 (4)** japplika ghall-kaz odjern tali delega jirrizulta li saret permezz u bis-sahha tar-risoluzzjonijiet tal-Awtorita` tal-Ippjanar fuq indikati ta' April 1996 u li gew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern, pero` din id-decizjoni qed tafferma w issostni li *ai fini* tal-kaz odjern dan ma kienx hemm bzonnu.

Illi dan huwa wkoll sottolinejat b'dak li nghad fis-sentenza **"Saviour Ellul et vs l-Awtorita` tal-Ippjanar"** fuq citata li

sostniet li m'hemm l-ebda dubju illi ufficjal ta' l-Awtorita` jista' jigi delegat anke mid-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex johrog tali avviz ta' twettieq u dan anke abbazi tal-ligi fuq citata u hawn ikkonfermata.

Illi ma dan ghandu jizdied il-fatt ukoll li tenut kont tal-premess ghandu japplika wkoll dak li hu ndikat fl-**artikolu 57 tal-Kap 356** u wkoll il-**paragrafu 7 ta' l-ewwel skeda ta' l-istess Kap** fejn la darba jidher li d-dokument tat-28 ta' Lulju 1994 gie ffirmat mid-Direttur ta' l-Ippjanar, dan huwa prova li huwa att ta' l-istess Awtorita` u li ladarba dan lanqas biss ma gie kkontestat mill-appellat fl-ebda stadju tal-kawza, ma hemm l-ebda dubju, la legali u lanqas fattwali dwar il-konsistenza u l-legalita` tieghu.

Illi abbazi tal-premess din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol fuq l-allegazzjoni li fid-decizjoni tieghu l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mexa wkoll *extra petita* u dan peress li abbazi ta' dak fuq premess din il-Qorti diga ddecidiet il-mertu ta' dan l-appell fis-sens li tali appell ghandu jigi milqugh stante li l-istess Bord ta' l-Appell fid-decizjoni tieghu meta sostna illi l-Avviz ta' Twettieq in kwistjoni kien null u bla effett peress li sar *ultra vires* il-poteri moghtija lill-*Enforcement Officer*, iddecieda hazin u legalment zbaljat stante li abbazi tal-motivazzjoni fuq indikata jirrizulta li l-istess Avviz ta' Twettieq ta' l-Ippjanar hareg validatament peress li l-imsemmi ufficcjal kien debitament awtorizzat mid-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jaghmel dan u dan skond il-poteri li l-istess Direttur tal-Ippjanar ghandu u kellu skond il-ligi u senjatament skond il-Kap 356 citat.

Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-Appell ta' l-Appellanti l-Awtorita` ta' l-Ippjanar.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet tal-appellat Ian Zammit fir-risposta tieghu tal-10 ta' Settembru 2001, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti** tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar fir-rikors taghha datat

29 ta’ Marzu 2001 u b’hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Ian Zammit vs l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** datata 23 ta’ Marzu 2001 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta’ din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Spejjez kollha ghall-appellant Ian Zammit.

Moqrija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------